MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2009

Numru. 733/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR MARIO HABER**
**KONTRA**

**SIMON CAMILLERI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Simon Camilleri ta’ 19 sena, bin Carmel u Grace nee’ Grech, mwieled nhar it- 22 ta’ Awwissu 1988 Pieta’, residenti fil- fond 8, Triq Spadaro, Zabbar u detentur tal-Karta tal- Identita’ bin- numru 392888(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli nhar il- 31 ta' Mejju 2008 ghal xi 3.00am gewwa Gianpula, Zebbug;

1) ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq Grazianne Gerada ID 443090M skond kif iccertifika Dr. Simon Degabriele MD tal- Isptar Mater Dei;

2) talli fl- istess data , lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna offiza ta' natura hafifa fuq Marika Cassar ID 337686M skond kif iccertifikat Dr. Juanita Agius MD tal-isptar Mater Dei;

3) ukoll talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebb ghall- istess persuni imsemmija sabiex jingurja, idejjaq jew jaghmel xi hsara;

4) u aktar talli fl- istess data, lok , hin u cirkostanzi, kiser il- bon ordni jew kwiet pubbliku b' ghajjat u glied;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi prodotti l-Qorti hi tal-fehma li l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-kaz taghha fil-konfront tal-imputat. Dan ma kienx dovut ghal xi nuqqas da part ital-prosekuzzjoni, izda minhabba fix-xiehda xejn cara tax-xhieda ewlenin tal-iatess prosekuzzjoni. Irrisulta li dak inhar indikat, inqalghet glieda bejn tfajliet gewwa l-istabbiliment maghruf bhala ta' Gianpula, limiti tar-Rabat, izda ma giex indikat sew min kien responsabbli ghall-istess incident. Huwa minnu li Grazianne Gerada u Marika

Cassar sofrew griehi f' dan l-incident, izda ma giex ippruvat b' mod car jekk kienx l-imputat li ghamel dawk l-offizi. Iz-zewg vittmi xehedu u qalu li l-glieda bidet bejn tfajliet, izda ghalkemm jindikaw lill-imputat bhala presenti u li kkagunalhom l-offizi indikati, dan ma gie kkorroborat minn hadd. Anzi, mid-dinamika tal-incident, il-Qorti xejn ma tinsab konvinta li kien l-imputat li effettivament hebb ghalihom u kien il-kagun tal-feriti sofferti minnhom. Ix-xhieda xejn ma kienu cari f' dan ir-rigward, u qalu li kien hemm hafna nies jaghtu f' xulxin u sahansitra wahda minnhom intilfet minn sensiha. Ghalhekk din il-Qorti m'hix ser issib l-imputat hati u ser tilliberah.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 218 (1), 216, 221 (1), 339 (d) u 338 (dd) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Ma ssibx lill-imputat hati u ghaldaqstant tilliberah.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------